C/2023/1525

13.12.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Diċembru 2023

li taħtar tliet membri u tliet membri supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

(C/2023/1525)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar ħames membri u s-supplenti tagħhom fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("il-Bord Amministrattiv").

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li membru tal-Bord Amministrattiv ma jistax ikun membru tal-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u li l-membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi.

(3) Minħabba l-iskadenza tal-mandat ta' tliet membri u żewġ membri supplenti tal-Bord Amministrattiv maħtur mill-Kunsill, jenħtieġ li jsiru ħatriet ġodda biex jissostitwixxuhom.

(4) Peress li kandidata waħda li bħalissa taġixxi bħala supplenti inħatret mill-ġdid bħala membru supplenti għal perjodu ta' erba' snin, jenħtieġ li jinħatar supplenti ieħor biex jissostitwixxi dik il-membru għall-bqija tal-mandat attwali tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri tal-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2024:

— Is-Sur Bogdan Marius CHIRIȚOIU, ir-Rumanija,

— Is-Sur Tomasz DĄBROWSKI, il-Polonja,

— Is-Sa Karoline NARODOSLAWSKY, l-Awstrija.

Artikolu 2

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri supplenti tal-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2024:

— Is-Sa Kristina ČELIĆ, il-Kroazja,

— Is-Sa Karin LUNNING, l-Iżvezja.

Artikolu 3

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura bħala membru supplenti tal-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' sentejn mit-28 ta' Jannar 2024:

— Is-Sur Boris MAKŠIJAN, il-Kroazja.

[1] ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
N. CALVIÑO SANTAMARÍA